

Stqarrija għall-Istampo tal-FRA
Vjenna/Berlin, 14 ta' Diċembru 2020

Issa huwa ż-żmien li niżguraw li l-intelliġenzo artifiċjali taħdem għall-Ewropej

Mir-rintraċċar tat-tixrid tal-COVID-19 għad-deċiżjonijiet dwar min se jirċievi beneficiċċi soċjali, l-intelliġenzo artifiċjali (IA) taffettwa l-ħajja ta' miljuni ta' Ewropej. L-awtomatizzazzjoni tista' ttejjeb it-teħid tad-deċiżjonijiet. Iżda l-IA tista' twassal għal żbalji, diskriminazzjoni u tista' tkun diffiċli biex tiġi sfidata. Rapport ġdid tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) jiżvela konfużjoni dwar l-impatt tal-IA fuq id-drittijiet tan-nies. Dan anki fost l-organizzazzjonijiet li diġà jużawha. Il-FRA tappella lil dawk li jfasslu l-politika biex jipprovdu aktar gwida dwar kif ir-regoli eżistenti jaapplikaw għall-IA u jiżguraw li kwalunkwe liġi futura dwar l-IA tipproteġi d-drittijiet fundamentali.

"L-IA mhijiex infallibbi, issir min-nies – u l-bnedmin jistgħu jiżbaljaw. Huwa għalhekk li n-nies jeħtieġ li jkunu konxji meta tintuża l-IA, kif taħdem u kif jistgħu jisfidaw deċiżjonijiet awtomatizzati. Jeħtieġ li l-UE tiċċara kif ir-regoli eżistenti jaapplikaw għall-IA. U l-organizzazzjonijiet jeħtieġ li jivvalutaw kif it-teknoloġiji tagħhom jistgħu jinterferixxu mad-drittijiet tan-nies kemm fl-iżvilupp kif ukoll fl-użu tal-IA," qal id-Direttur tal-FRA [Michael O'Flaherty](#). "Għandna l-opportunità li nsawru IA li mhux biss tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali tagħna iżda li tipproteġihom u tippromwovihom ukoll."

Ir-rapport tal-FRA "[Nirnexxu fil-futur – Intelliġenzo artifiċjali u d-drittijiet fundamentali](#)" jidentifika problemi fl-użu tal-IA, pereżempju fil-policing predittiv, fid-dijanjożi medika, fis-servizzi soċjali, u fir-reklamar immirat. Jappella lill-UE u lill-pajjiżi tal-UE biex:

- Jiżguraw li l-IA tirrispetta d-drittijiet fundamentali **KOLLHA**** - l-IA tista' taffettwa ħafna drittijiet - mhux biss il-privatezza jew il-protezzjoni tad-data. Tista' wkoll tiddiskrimina jew tfixkel il-ġustizzja. Kwalunkwe leġiżlazzjoni futura dwar l-IA trid tqis dan u toħloq salvagwardji effettivi.
- Jiggarantixxu li n-nies jistgħu jisfidaw id-deċiżjonijiet meħħuda mill-IA** - in-nies iridu jkunu jafu meta u kif tintuża l-IA, kif ukoll kif u fejn jistgħu jilmentaw. L-organizzazzjonijiet li jużaw l-IA jeħtieġ li jkunu jistgħu jispiegaw kif is-sistemi tagħhom jieħdu d-deċiżjonijiet.
- Jivvalutaw l-IA qabel u matul l-użu tagħha biex jitnaqqsu l-impatti negattivi** - l-organizzazzjonijiet privati u pubbliċi għandhom iwettqu valutazzjonijiet ta' kif l-IA tista' tagħmel ħsara lid-drittijiet fundamentali.
- Jipprovdu aktar gwida dwar ir-regoli tal-protezzjoni tad-data** - l-UE għandha tiċċara aktar kif ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data jaapplikaw għall-IA. Hija meħtieġa wkoll aktar ċarezza dwar l-implikazzjonijiet tat-teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet u d-dritt għal rieżami mill-bniedem meta tintuża l-IA.
- Jivvalutaw jekk l-IA tiddiskriminax** - is-sensibilizzazzjoni dwar il-potenzjal li l-IA tiddiskrimina, u l-impatt ta' dan, huwa relattivament baxx. Dan jitlob li jkun hemm aktar finanzjament għar-riċerka biex jiġu eżaminati l-effetti potenzjalment diskriminatorji tal-IA biex l-Ewropa tkun tista' tipproteġi kontra dan.
- Joħolqu sistema ta' sorveljanza effettiva** - l-UE għandha tinvesti f'sistema aktar "sħiħa" biex in-neozжи u l-amministrazzjonijiet pubbliċi jinżammu responsabbi meta jużaw l-IA. Jeħtieġ li l-awtoritajiet jiżguraw li l-korpi ta' sorveljanza jkollhom riżorsi u ħiliet adegwati biex jagħmlu x-xogħol.

Ir-rapport huwa parti mill-[proġett tal-FRA dwar l-intelliġenza artifiċjali u l-big data](#). Huwa mfassal fuq aktar minn 100 intervista ma' organizzazzjonijiet pubbliċi u privati li diġà jużaw l-IA. Dawn jinkludu osservazzjonijiet minn esperti involuti fil-monitoraġġ ta' ksur potenzjali tad-drittijiet fundamentali. L-analiżi tiegħu hija bbażata fuq l-użi reali tal-IA mill-Estonja, il-Finlandja, Franzia, in-Netherlands u Spanja.

Fl-14 ta' Diċembru, il-FRA u l-Presidenza Ġermanija tal-Kunsill tal-UE jorganizzaw konferenza [Nagħmlu l-IA b'mod Ewropew: Niproteġu d-drittijiet fundamentali f'era ta' intelliġenza artifiċjali](#).

Għal aktar, jekk jogħġibok ikkuntattja: media@fra.europa.eu / Tel.: +43 1 580 30 653